MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Numru 338/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Coronato Portelli**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Coronato Portelli ta’ 44 sena, bin Anthony u Nazzrena nee` Muscat, imwieled Victoria, nhar is-7 ta’ Novembru 1961, residenti fil-fond numru Dar ix-Xtilpa, Triq ix-Xabbata, Sannat, Ghawdex, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita` numru 51061G, talli nhar it-12 ta’ Ottubru 2006, ghal habta tal-16.30 hrs gewwa Triq Dicembru 13, in-Nadur:

a) ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe` PS 1377 Emanuel Cilia waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew

bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' PS 1377 Emanuel Cilia, bi ksur tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli gewwa Triq il-Wied ir-Rihan, Nadur, ghal habta tas-18.00 hrs, nhar it-12 ta' Ottubru, 2006:

d) attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, cioe` PS 1040 John Grima, PS 676 Edelon Spiteri, PC 655 George Micallef, PS 1506 Louis Calleja, u PC 330 Emanuel Schembri filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` f'bieb tal-aluminium, ta' mhux aktar minn Lm50.00 ghad-dannu ta' Emanuel Cilia, bi ksur tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, b'ghajjat u bil-glied, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-ewwel qorti kienet mitluba sabiex flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reati torbot lil Portelli b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali;

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-13 ta’ Ottubru, 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, fuq ammissjoni tal-imputat, iddikjarat lill-imsemmi Coronato Portelli hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u kkundannatu **sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin** skond id-disposizzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali u spjegat lill-hati l-import tas-sentenza kif rikjest bis-subartikolu (4) tal-imsemmi Artikolu 28A;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Coronato Portelli, minnu prezentat fis-26 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza fis-sens illi tigi mibdula kwantu ghall-piena inflitta b’mod li “tbiddilha ghal wahda inqas harxa fic-cirkostanzi”;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-2 ta’ Frar 2007; ikkunsidrat:

L-ewwel punt li jrid jigi determinat f’dan il-kaz huwa jekk l-appell jistax jigi kkunsidrat, ossia jekk hux irritu u null, minhabba li ma kienx precedut bit-talba ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza skond l-Artikolu 416(1) tal-Kodici Kriminali. Dan il-punt gie sollevat *ex officio* mill-Qorti fl-imsemmija udjenza tat-2 ta’ Frar 2007. Din il-Qorti rat, f’dan ir-rigward, kemm in-nota ta’ referenzi ta’ l-Avukat Generali (tad-9 ta’ Frar 2007) kif ukoll dik ta’ l-appellant (datata 12 ta’ Frar 2007), u tara li l-abbili difensur tal-appellant kellu ragun meta ssottometta li f’dan il-kaz ma kienx hemm bzonn ta’ talba ghas-sospensjoni ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza, stante li hawn il-piena inflitta mill-ewwel qorti kienet <u>biss</u> dik ta’ prigunerija sospiza, b’mod ghalhekk li l-istess prigunerija <u>ma kienitx ezegwibbli immedjatament</u> bhalma kieku kien ikun il-kaz kieku l-piena kienet wahda karcerarja mhux sospiza jew piena ta’ multa jew ta’ ammenda. Tali eccezzjoni ghan-necessita` ghat-talba ghas-sospensjoni skond l-imsemmi Artikolu 416(1) kienet diga` gie rikonoxxuta minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-5 ta’ Mejju 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Mifsud**, u imtennija fis-sentenzi fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Francis Scicluna** u **Il-Pulizija v. Carmel Attard** tal-20 ta’ Jannar 1995 u 30 ta’ Gunju 1995 rispettivament.

Ghalhekk ma hemm ebda nullita` fir-rigward tar-rikors minhabba n-nuqqas tat-talba aktar ‘l fuq imsemmija.

Kwantu ghall-meritu, li, kif inghad, hu limitat ghall-piena, l-appellant jikkontendi li l-ewwel qorti erroneament qieset li huwa kien precedentement instab hati ta’ reati kontra ufficjali pubblici u sentatament pulizija. Jikkontendi wkoll li ma haditx in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tieghu, u li fic-cirkostanzi piena ta’ sentenjn prigunerija sospizi ghal erba’ snin kienet wahda eccessiva.

Din il-Qorti, a differenza tal-Qorti Inferjuri, semghet bil-gurament lill-vittma, is-Surgent 1377 Emmanuel Cilia. Din il-Qorti kellha kemm-il barba l-okkazjoni tirrimarka li meta quddiem l-ewwel qorti imputat jammetti mill-ewwel, hafna drabi jkun utili u kwazi doveruz li dik il-qorti tisma’, minkejja l-ammissjoni, il-provi (jew ghall-anqas xi whud mill-provi) biex tiddetermina verament l-isfond li fih ikun sehh ir-reat u, per konsegwenza, il-gravita` oggettiva tal-akkadut. Dan qed jinghad ghax din il-Qorti hi konvinta illi kieku l-ewwel qorti semghet lill-imsemmi Surgent flok ma strahet biss fuq dak li qalu l-ufficjal prosekutur u l-avukat difensur, inkluz l-avukat tal-parti civili, hija kienet taghti piena karcerarja <u>b’effett immedjat</u>. Infatti, mid-deposizzjoni tal-imsemmi Surgent jirrizulta li dan kien kaz fejn, ghax is-Surgent ghamel dmiru, huwa gie aggredit bil-kliem u fizkament, u insultat u mwegga’, mill-appellant Portelli; dana Portelli ma kienx sodisfatt b’dak li ghamel ghall-habta tal-4.30 pm barra l-kazin tal-*football* tan-Nadur, izda aktar tard ghall-habta tas-6.00 pm mar kompla l-aggressjoni tieghu wara l-bieb tar-residenza tas-Surgent, fejn baqa’ jinsulentah fil-pubbliku, ghamillu hsara fil-proprjeta`, werwer lill-mara tas-Surgent u kellu jigi fizikament ristrett minn diversi ufficjali tal-pulizija ohra li lil dawn ukoll Portelli irrezistihom. Dan kien kaz klassiku fejn, irrispettivament mill-fedina penali, kellha tigi applikata piena karcerarja b’effett immedjat, ghax huwa inaccettabbli li ufficjal pubbliku, u specjalment ufficjal tal-pulizija, jigi assoggettat ghal dak li ghadda minnu l-imsemmi Surgent Cilia semplicement ghax ikun wettaq dmiru. Issa, huwa veru li l-ewwel qorti, meta ezaminat il-fedina penali tal-appellant, erroneament ikkonkludiet li

huwa kien diga` nstab hati "li kellu xi jghid mal-pulizija u anke ghamel ghalihom". Fil-fatt fl-incident li sehh fil-25/7/04, huwa kien instab hati biss ta' sewqan b'manjiera traskurata u li ghadda bil-vettura minn pjazza meta din kienet maghluqa ghat-traffiku, izda kien gie liberat mill-akkuzi ta' sewqan perikoluz, li ma obdiex l-ordnijiet tal-pulizija u li hebb bil-vettura li kien qed isuq kontra pulizija. Din ic-cirkostanza, pero`, u cioe` li l-ewwel qorti immisinterpretat il-"conviction" tal-14 ta' Lulju 2005, ma tbiddel assolutament xejn mill-gravita` oggettiva tal-incident meritu tal-appell odjern u mill-fatt li l-piena messha kienet wahda ta' prigunerija b'effett immedjat minkejja l-ammissjoni tal-imputat. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, il-lamentela li l-piena erogata kienet wahda eccessiva hija altament fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bil-periodu ta' sospensjoni jibda jiddekorri mit-13 ta' Ottubru 2006. U peress li dana l-appell huwa, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wiehed fieragh fit-termini tal-Artikolu 429(2) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant Coronato Portelli ammenda ta' mitt lira (Lm100) konvertibbli f'ghoxrin guranata detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi. Fl-ahharnett il-Qorti tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal-finijiet tar-registrazzjoni li ghandha ssir konformement ma' dak li jipporvdi s-subartikolu (8) tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------